**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli17, 31, 41 ( 1) (a), 64(2), 214, 215, 216, 221, 338(bb), 338 (dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533**
**tal- Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kump. Nru.:1365/2012**
**Il-Pulizija**
**(Spettur Rosanne DeBattista u Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**AMANDA ABELA (I.D. 504877M)**

**Illum, 27 ta' Gunju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **AMANDA ABELA** detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 504877(M), giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru 2012 bejn nofs il-lejl u s-siegha u kwart ta' filghodu gewwa Flashback, li jinsab gewwa l-istabiliment Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

1.Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkagunat feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Tony Curmi.

2.Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabdet armi, strument u ghodod ohra li tigi klassifikata bhala arma irregolari.

3.Talli fl-istess, data gewwa San Giljan u gewwa l-isptar Mater Dei u/jew fil-vicinanzi, hinijiet u cirkostanzi, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlet atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici, offendiet il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

4.Talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi volontarjament kisret l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovi ghal garanzija ta' Tony Curmi skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali .

Rat id-dokumenti esebiti fosthom certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Edward Cherubino a fol 6, stqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar id-29 ta' Dicembru 2012 a fol. 7 et seq., fedina penali a fol. 10, il-Current Incident Report a fol. 11 et seq., Persons details a fol. 15 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tieghu tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll dik prodotta mid-difiza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-allegat vitma **Tony Curmi u lil Louis Vassallo u Albert Tabone** jixhdu u dan fid-9 ta' Jannar, 2013 u wara li inghataw twissja mill-Qorti skont il-Ligi li setghu ma jixhdux peress li setghu jinkriminaw ruhhom stante li fil-konfront taghhom kien hemm pendenti akkuzi simili. Dawn ghazlu f'dan l-istadju li ma jixhdux.

**Spettur Trevor Micallef** xehed fid- 9 ta' Jannar, 2013 u kkonferma li fid-29 ta' Dicembru ghal habta ta' l-ghaxra u nofs, il- hdax ta' fil-ghodu kien gie infurmat mis-Supretendent Stephen Gatt dwar xi incident li kien inqala gimgha qabel gewwa Paceville u li tkompla Mater Dei u li kien qed jigi investigat mill-Ispettur Rosanne Debattista. Inghad lilu li kien hemm persuna bl-isem ta' Amanda Abela li kienet sofriet griehi ta' natura gravi wara li giet imsawwta minn xi rgiel. Sar jaf li maghha kien hemm il-partner

taghha Kevin Bray u ghalhekk l-ewwel ha l-istqarrija tieghu u dan ghazel li jiffirmaha, wara li nghata s-solita twissija. Qal li l-Ispettura Rosanne Debattista, kienet diga' kellmet lil Amanda Abela dakinhar stess gewwa l-ghassa ta' San Gwann. Qal li hu ma kienx prezenti meta ttiehdet l-istqarrija ta' Amanda Abela izda kien prezenti waqt dik ta' Tony Curmi. Dan kien stqarr li waqt l-incident gewwa Flashback hu kien ta daqqa ta' tazza lil Kevin Bray u kien inghata daqqa hu stess minn Amanda Abela, pero' ma ammettiex li sawwtuha gewwa l-isptar.

**L-Ispettur Rosanne Debattista** xehdet fid- 9 ta' Jannar, 2013. Ikkonfermat li hija tkellmet kemm ma' Tony Curmi kif ukoll ma' Louis Vassallo u Albert Tabone u irrizultalha li effettivament Tony Curmi kien ta daqqa ta' tazza lil Kevin Bray waqt li l-imputata tat daqqa ta' tazza lil Tony Curmi. Ikkonfermat li l-griehi li sofra Tony Curmi kienu ta' natura gravi u c-certifikat inhareg dakinhar stess tat-22 ta' Dicembru 2012.

In kontro Ezami tghid illi dan ic-certifikat gie ghand il-Pulizija fl-istess waqt meta rceviet ic-certifikati medici l-ohra dwar il-feriti ta' Amanda Abela u Kevin Bray. Tghid illi kienet l-imputata li ghamlet rapport l-ewwel, waqt li rigward is-Sur Curmi qalet li dan l-ewwel kien ipprezenta certifikat u r-rapport ghazel li jaghmlu wara. Tghid li normalment mac-certifikat jaghmlu rapport izda s-sur Curmi iddecieda li jaghmel ir-rapport tieghu aktar tard.

Id-Difiza rrimarkat li hija stramba li l-Pulizija taccetta certifikat bla rapport u nsistiet li jsiru verifiki dwar dan. Tghid illi mill-verzjoni li tat Amanda fl-istqarrija taghha irrizulta li waqt li Amanda u Kevin kienu hdejn il-bar, kien hemm persuna, cioe' Tony Curmi, li kien fil-kumpanija ta' ohrajn, li qalbilhom id-drinks u hi qaltlu "Oqghod attent". Irrizulta wkoll li Kevin Bray qala' daqqa ta' tazza u lilha kisrulha idejha.

Tghid illi l-istqarrija ta' Amanda haditha qabel ta' Tony u ghalhekk ma staqsiet xejn lil Amanda u stenniet li tghidilha kollox hi bhal ma qaltilha affarijiet ohrajn. Mistoqsija jekk wara li hadet l-istqarrija ta' Tony Curmi talbitx stqarrija gdida minghand Amanda, tghid illi hi staqsiethom biex jghidulha x'gara dakinhar, u ghalhekk ippretendiet li kellhom jghidulha kollox dak il-hin.

Tispjega illi kien PS 157 Brian Mifsud li nhar r-rapport it-22 ta' Dicembru 2012 li ha r-rapport ghal habta tas-siegha ta' filghodu u mbaghad iddahhal

f'xil-erbgha ta' fil-ghodu. Tghid illi l-vitma hawnhekk kien Tony Curmi. Tghid ukoll illi l-investigazzjonijiet bdew *a tempo vergine* dakinhar stess.

Aktar tard fl-istess jum regghet xehdet u esebiet flokk ta' Tony Curmi. Tghid illi dan il-flokk kien inhasel izda t-tebgha xorta baghqet hemm. Tghid illi dan il-flokk gie mghoddi lilha mid-difensur ta' Tony Curmi wara li l-istess Tony Curmi ghaddieh lil avukat tieghu seduta stante. Tghid illi dan qieghed jigi markat bhala DOK TCR1.

**L-Ispettur Roseanne Debattista** regghet xehdet fis- 26 ta' April, 2013 u esebiet c-certifikat tat-twelid ta' l-imputata li gie mmarkat bhala DOK AB1.

Meta regghet xehdet fil-5 ta' Lulju, 2013, **l-Ispettur Roseanne Debattista** spjegat illi hija kienet giet mitluba sabiex iggib bhala xhieda lil min kien hemm *securities* l-Isptar dakinhar ta l-incident. Qalet li ghamlet kuntatt ma' certu Mark Camilleri li huwa inkarigat mis-*securities* u dan taha lista tan-nies li kienu xoghol Mater Dei dakinhar u din giet esebita u markata bhala DOK. SPA 1. Tghid illi din hija kopja tal-log book taghhom u hemm imnizzel *'Saturday Morning in the early hours in the vicinity of the entrance to the emergancy department, this incident occured in an area which was not monitored by CCTV'.*

**Kevin Bray** xehed fid-9 ta' Jannar, 2013. Spjega illi dakinhar tal-21 ta' Dicembru 2012 huwa flimkien ma l-gharusa tieghu Amanda Abela telghu Paceville gewwa l-istabiliment Flashback. Jghid illi hemmhekk kien hemm habiba tal-gharusa tieghu certu Shirely li kellha xi tghid ma' certu Louis Vassallo. Amanda marret biex tikkalma s-sitwazzjoni u hadet lil Shirley t-toilet waqt li hu baqa' mal-bar. Mar Tony Curmi hdejn il-bar u waqqaghlu l-birra. Hu dak il-hin qallu *'waqqajtli l-birra'* u l-iehor qallu bil-herra ' *lilek missek xi hadd*?' u hu wiegbu '*le, imma waqqajtli l-birra.*' Imbaghad Curmi faqaghlu tazza go wiccu. Dak il-hin Amanda bdiet tghidlu biex ifittxu jitilqu. Marru l-bouncers u tefghu lilu 'l barra. Telqu lejn l-isptar bil-karozza taghhom.

Hekk kif dahlu l-isptar kien hemm Louis u tnejn ohra u dawn marru jigru fuqu biex izommuh u bdew jilletikaw. Qal li kien hemm tlieta min-nies izommu lilu waqt li Tony u iehor bdew isawwtu lil Amanda. Teghuha ma' kolonna u bdew ituha bil-ponn u bis-sieq. Imbaghad marru tal-Group 4 u l-cleaners inaddfu d-demm.

Jghid li li meta qala' d-daqqa ta' tazza gewwa Flashback, Amanda ma kellha xejn f'idejha u kienet qeghda hdejh. Qal illi kif waslu raw habib tieghu li offrielhom drink. Jghid illi hu xorob Lager u Amanda vodka. Jghid illi hu mar l-isptar biex jidewwa u ma jafx ezatt min kien hemm. Jghid illi hu ma kienx jaf ghalxiex marru l-ohrajn kull ma jaf li xhin dahlu l-Emergenza gie Louis fuqu u beda jghidlu "x'gejt taghmel hawn?"

Jghid illi go FlashbackAmanda kienet hdejh u m'ghamlet xejn. Kienu ilhom hemmhekk tletin minuta biss. Zied jghid illi t-tabib staqsih xorobx ghax inkella ma jkunx jista' jaghmilu loppju u hu qallu li ma kienx xorob.

In kontro ezami jghid illi meta huma kienu Flashback ma ra lil hadd imwegga'. Jghid illi dak il-hin beda huwa kien qed jitlef hafna demm, gew il-*bouncers* u tefghuh jigri 'l barra. Jghid illi Amanda riedet li johorgu 'l barra u haditu hdejn Burger King. Hemmhekk kien hemm Land Rover u kien hemm tliet Pulizija SAG u qalulhom li m'hemmx ambulanza imma jistghu jicemplulhom ghal wahda. Izda huma riedu jmorru l-isptar malajr u ghalhekk marru ghal karozza taghhom.

Insista li hu l-hin kollu ma' Amanda kien u l-unika hin li ma kienx maghha kien meta hi marret it-toilet u meta marret ghal karozza biex imorru l-isptar. Jghid illi hu ghandu sa llum ma jafx ghala qalagha d-daqqa ta' tazza. Jghid illi bejn il-hin meta Amanda harget mit-toilet u l-glieda ma kienx hemm hafna hin. Jghid illi fl-ebda hin ma ra demm fuq wicc Tony Curmi.

**Shirley Rose Cassar** xehdet fit-13 ta' Frar, 2013. Tghid illi dakinhar kienet qieghda hemmhekk ma' zewgt ihbieb taghha mbaghad marru Amanda u l-gharus taghha u qalulha biex toqghod hdejhom izda hi riedet tibqa' hdejn shabha. Kienet dahra lejn Amanda u Kevin u kultant kienet iddur u taghmlilhom xi sinjal. Tghid illi wiehed minn fost Louis Vassallo, Albert Tabone u Tony Curmi beda jghidila '*mela ma tridx kliem*'. Tghid illi f'xi hin marret Amanda hdejha u haditha t-toilet, pero' imbaghad regghet marret hdejn shabha u kompliet tizfen. Imbaghad f'daqqa wahda daret u sabet lil Kevin kollu demm u lil Amanda hdejh. Imaghad kienet cemplitliha Amanda u qaltilha biex tmur il-*car park* u flimkien marru l-isptar.

Tghid illi dak il-hin kien hemm gegwigija, tghid illi fil-fatt hi harget wahedha u nizlet sal-car park wahedha. Tghid illi hi ma ratx glied ghax kienet darha lejhom. Tghid illi hi kienet ilha xi siegha w nofs fil-bar min qabel grat il-glieda u kienet wasslitha Amanda. Tghid illi Amanda mbaghad

marret wara u sakemm marret Amanda hi kienet mal-bar, hadet drink iltaqghet ma din li kienet maghhom u saqsietha hux qeda wahedha u biex tmur maghhom.Tghid illi min go dan il-bar forsi hadet zewg drinks u mill-party tax-xoghol fejn kienet qabel, hadet erba' drinks. Tghid illi lil Kevin u lil Amanda biss rat bid-demm.

In kontro-ezami tghid illi aparti minn hekk ma rat xejn izjed. Tghid illi wara marret maghhom l-isptar u marru bil-karozza ta' Kevin, u kienet qed isuq Amanda. Tghid illi kienu dehlin l-isptar, u Amanda kienet fin-nofs u f'daqqa wahda rat lil xi hadd jtir ghal fuq Amanda u din waqghet mal-art, imbaghad rat lis-security izommu lil Kevin u hi ppanikjat ma kienetx taf x'qed taghmel. Rat tnejn jigbdu lil Amanda minn xagharha. Tghid illi mbaghad Amanda bdiet tghidilha biex tohdilha hsieb it-tifel taghha. Tghid illi l-ewwel rat lil wiehed jitfagha mal-art u jsawwatha mbaghad xi tnejn minnhom jigbduha min xgharha u hi fin-nofs u bdiet tisma' l-Kevin jghajjat biex ihalluha.

Tghid illi l-bnidem li aggreddixa lil Amanda gharfitu u anke ratu l-bar qabel, pero' ma tafx dak il-hin kellux griehi fuqu. Tghid illi mbaghad gew tas-securities ta' Mater Dei u wara dahlu kollha gewwa. Tghid illi hi, oht Amanda u t-tifel baqghu fil-waiting area. Tghid illi lil Amanda kienu kisrulha idejha u tghid illi hi kumbinazzjoni kellha l-uniformi tax-xoghol u taghtielha ghax kienet qed thoss il-bard. Tghid ukoll illi meta kienu l-isptar hi ma semghat xejn.

**PS157 Brain Mifsud** xehed fit-13 ta' Frar, 2013. Jghid li fit-22 ta' Dicembru 2012 ghal habta tas-siegha, kienu gew infurmati li kien hemm hames persuni li marru l-emergenza ta' Mater Dei wara li kienu nvoluti fi glieda gewwa Paceville u li kienu iltaqghu wkoll fid-Dipartiment ta' l-Emergenza u regghet sehhet glieda ohra bejn iz-zewg partijiet. Meta l-pulizija waslet l-emergenza, l-partijiet kienu mifrudin. L-ewwel tkellmu ma Tony Curmi, Louis Vassallo u Albert Tabone. Jghid illi Tony Curmi kien qallu li huma kienu fil-parti ta' Havana u li kienu qed jiehdu drink mal-bar. Jghid illi Tony Curmi qallu li ghal habta ta' nofs il-lejl huwa kien gewwa Flashback li huwa parti minn Havana, f'hin minnhom waqa' xi flixkun u resaq fuqhom persuna maskili li wara gie dentifikat bhala Kevin Bray u beda argument verbali minnhom, meta f'daqqa wahda kien hemm persuna feminili li aktar tard giet identifikata bhala Amanda Abela li resqet lejhom u tat daqqa ta' tazza lil Tony Curmi. Jghid illi Tony Curmi komplha jghid illi meta marru l-emergenza ta' Mater Dei iltaqghu mal-parti l-ohra u kien

hemm glieda ohra bejn iz-zewg partijiet. Albert Tabone u Louis Vassallo kkonfermaw il-verzjoni ta' Tony Curmi.

Jghid illi wara kellem lil Amanda Abela u lil Kevin Bray li huma wkoll ikkonfermaw li kienu Flashback u li kienu nnutaw li kien hemm xi persuni li kienu qed jargumentaw jew jiggieldu ma' certu Shirley Cassar u meta rat dan Amanda Abela marret fuq din Shirley Cassar u haditha lejn it-toilet. Jghid illi skond il-verzjoni ta' Abela u Bray dawn kienu hdejn il-bar u nhaslu b'xi birra u nnutaw dan l-istess grupp li kienu qed jargumentaw ma' Shirley Cassar kien tefa' xi fliexken mal-art. Jghid illi Kevin Bray hawnhekk mar fuqhom u qallhom biex jiehdu hsieb u ra xi wiehed ixejjer idejh ma' wiccu u spicca b'ferita f'wiccu. Jghid illi Kevin Bray kien cert mill-istatement li tah li kien intlaqat b'tazza. Huma qalulu li meta waslu Mater Dei kien hemm it tlieta min-nies li kellhom argument maghhom gewwa Flashback u dawn hebbew ghalihom.

Jghid illi Amanda Abela qaltlu wkoll li qabel ma waslet Mater Dei, hi ma kellha l-ebda griehi. Jghid illi l-Pulizija tkellmet ukoll ma' Shirley Cassar li hi qalet li taf lil Tony Curmi, Louis Vassallo u Albert Tabone ghax kienet iltaqghet maghhom il-gimgha ta' qabel u sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda argumenti bejnha u bejn dawn it-tlieta u kull ma taf rigward l-glieda li grat li kienet rat lil Kevin Bray bid-demm ma' wiccu. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza 6A/N/8617/2012 bhala DOK BMT1. Jghid illi wara li kellimhom ghaddha l-informazzjoni lill-Ispettura. Ikkonferma illi huwa kellem lil Tony Curmi u lit-tnejn l-ohra flimkien, u lil Amanda u lil Kevin flimkien ukoll. Jghid illi hu s'hawn kellu x'jaqsam u li jekk gie xi hadd iehor jaghmel rapport l-ghassa hu ma jaf xejn dwaru.

**Luke Galea** xehed fit- 5 ta' Lulju, 2013. Spjega illi dakinhar l-isptar kienu dahlu hamsa min-nies. Tlieta minnhom huma l-imputati odjerni. Imbaghad xi 10 minuti wara dahlu l-ohrajn, it-tnejn li qeghdin prezenti fl-Awla wkoll. Jghid illi x'hin dahlet Amanda mill-ewwel ikkonfrontat lill-ohrajn u l-iehor ghamel l-istess. Qal li wiehed minnhom aggrediha izda kif ra hekk hu dahal gewwa biex issejjah lill-pulizija u sakemm hargu barra sab li kienu gew fl-idejn.

Jghid illi kienu gew fl-idejn, Tony Curmi, Amanda Abela u Kevin Bray. Jghid illi mbaghad gew il-Pulizija u bdew jifirduhom. Jghid u jikkonferma illi hu ra lil Amanda diehla u bil-kliem ikkonfrontat lil dawn il-hamsa. Jghid illi Tony Curmi kien imbutahha u li kienet kisret idejha wara dan l-incident.

Jghid illi hu l-ewwel ma ra kien grupp ta' hamsa. Jghid illi min dawn il-hamsa, tlieta qeghdin prezenti fl-Awla. Jghid illi wiehed minnhom, jigifieri Tony Curmi kien mcappas bid-demm.

Jghid illi d-demm kien fuq wiccu u anke fuq il-hwejjeg. Jghid u jikkonferma li kienet Amanda li ikkonfrontathom l-ewwel. Jghid illi t-ton taghha kien wiehed ta'glied u Tony beda jirispondiha verbalment.

**Dr. Edward Cherubino** xehed fit-13 ta' Awissu, 2013. Jghid illi hu kien jahdem l-Emergenza xoghol bil-lejl u xi hin semghu hafna storbju fil-waiting roon tal-Emergenza u kull ma jiftakar hu li ra l-Pulizija hiergin mas-Security u kien hemm glieda kbira fl-Emergenza. Wara li kkalmat il-glieda dahhlu n-nies li kienu imwegga' . Raw in-nies skond il-prijorita' u mbaghad uhud mill-kazijiet kienu mghoddija lilu biex jara l-feruti. Jghid illi ra lil Amanda Abela li allegatament kienet marret l-Eemergenza ma' xi habib taghha li kien wegga' fi glieda u hemmhekk hi qalghet xi daqqa fuq idejha u kisret l-ghadam ta' idejha kif ukoll kellha grif fuq ghajnejha.

Jghid illi hu ra wkoll lil Tony Curmi u lil Kevin Bray. Jghid illi Tony Curmi kellu qasma *on the left side* fuq monnu w kellu bzonn tliet punti, kellu wkoll girfa fuq in-naha leminija ta' ghajnejh u kellu girfa fuq imniehru. Waqt li Kevin Bray kellu qasma fuq hugbejh, kellu ukoll bzonn sitt punti, kellu ukoll qasma fuq widintu imma ma kellux bzonn punti. Kellu qasma fin-nofs ta' rasu u ma kellux bzonn punti u naqra grif f'idejh. Ikkonferma illi c-certifikat a fol. 6 huwa mahrug minnu,. Ikkonferma l-kontenut u jghid illi jgharaf il-firma tieghu. Ikkonferma wkoll illi dawn il-griehi huma *grievous*.

**PC 220 Lawrence Cardona** xehed fit- 13 ta' Awwissu, 2013. Jghid illi fit-22 ta' Dicembru 2013 kien xoghol bhala *driver* l-ghassa ta' San Giljan flimkien ma' PS 157 u dahlet telefonata mill-Emergenza tal-Isptar li kienu dahlu xi nies wara li kienu ggieldu f'Paceville. Dahlu feruti u fl-istess hin regghu iggieldu sakemm kienu l-isptar. Jghid illi x'hin waslu dawn kienu mifrudin, tlieta kienu go kamra u tnejn kienu go kamra ohra. Jghid illi sakemm waslu huma ma kienx hemm aktar glied. Jghid illi huma talbu lid-dirigenti tal-isptar ghas CCTV camera izda ma kien gie jidher xejn. Jghid illi c-CCTV rahom hu u l-Ispettur Brian Farrugia.

**Mark Mizzi** xehed fit-13 ta' Awwissu, 2013. Jghid illi dakinhar dahal go pub f' Paceville u kienu hamsa hu, Tony, Sacha, u Louis u kienu qeghdin mal-bar. Faccata taghhom kien hemm tliet tfajliet u wahda minnhom kienet

marret fuq Louis u bdiet tghidlu xi haga. Dak il-hin ma kienx jaf x'inhi tghidlu. Jghid illi hu haseb li kienet tafu. F'xi hin semghu jghidilha "mur 'l hemm issa."

Jghid illi qed jgharaf dawn in-nies fl-Awla, is-sinjura jisimha Amanda u l-iehor ma jafx x'jismu. Jghid illi tkellmu maghhom ghal ftit hin ghax kienu faccata taghhom u kienu qeghdin kollha mal-bar.

Ikkonferma li huma kienu qeghdin Flash Back. F'xi hin induna li warajh inqaghlet glieda, u hu kien dahal biex iferraqhom, jghid illi waqt li gew il-*bouncers* u gibdu wiehed 'l hemm u l-iehor 'l hawn u kien dak il-hin illi Amanda garat it-tazza fid-direzzjoni tieghu, izda lilu ma laqtitux. Jghid illi wara ftit tal-hin induna li Tony kellu daqqa ro gasu u kellu d-demm.

Jghid illi l-bouncers ma hargux lilhom 'il barra, izda lil Amanda u lil min kien maghha. Jghid illi hu qal lil Tony biex imorru l-isptar u wara li kienu ilhom hemm xi 20 minuta jew kwarta, nfetah il-bieb u dahlu lil Amanda u l-gharus taghha u kienu ser jerghu jiggieldu ghax Louis beda jghidlu '*fottejtilna l-pjacir'* u hafna kliem ta' glied.

Stqarr illi Amanda kienet ukoll l-isptar. Izda ma jafx x'kienet qeghda taghmel ghax hu raha diehla biss. Jghid illi x'hin gie l-Pulizija hu qalilhom li kien qieghed iferraq qieghed u l-Pulizija qalulu '*iva nafu poggi bil-qeghda issa'.*

Jghid illi hu ma jafx min beda l-glieda fil-bar ghax kien qieghed ihares 'il barra. Jghid illi s-sitwazzjoni kienet ikkalmat ghal ftit sekondi meta Amanda garat it-tazza lejn in-naha tieghu u laqtet lil Tony li kien warajh go mohhu. Dan imtela bid-demm. Imbaghad il-bouncers hadu lil Amanda u lil Kevin, waqt li huma baqghu hemm u mbaghad qal lil Tony biex imorru l-isptar.

Qal li l-isptar kien hemm izjed nies l-isptar izda ma jafx jekk kinux jafu lil Amanda u Kevin. Hu mar fuq Kevin ghal Louis beda jidghi u jghajjat minn bilqeghda izda ma tax kaz x'kien qed jigri minn Amanda.

In kontro-ezami jghid illi hu resaq minn mal-bar biex jidhol Kevin, aktarx biex jixtri xi haga, izda hu ma setax jarah ghaliex kien tah dahru. Amanda kienet hdejn Kevin. Jghid illi lil Kevin rah bid-demm wara x'hin mar iferraq

lil Tony u lil Kevin. Jghid illi Amanda waddbet it-tazza x'hin kienet waqfet il-glieda.

Jghid illi hu mar l-isptar ma' shabu izda mhux minnu li tkellem ma' xi hadd mill-familja ta' Amanda.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi hu qal lil oht Amanda illi hu ma ra xejn dakinhar, jghid illi jaqbel. Jghid illi hu l-Emergenza lil Kevin zamm, u dak il-hin Kevin kien qieghed izomm wiccu.

**Albert Tabone** xehed fl-20 ta' Marzu, 2014. Jghid illi dakinhar tat-22 ta' Dicembru 2012 kienu qeghdin hu, Louis u Tony u ftiehmu li johorgu sa Paceville. Telghu Paceville u hadu flixkun birra. Jghid illi intefghu mal-hajt ghax Havana dejjaq. Jghid illi f'nofs siegha hadu tlieta birra. Jghid illi f'daqqa wahda ra lil Amanda tgara tazza f'wicc Tony Curmi u wiccu inhasel bid-demm, imbaghad gew is-securities. Jghid illi din it-tfajla qieghed jgharafha bhala l-imputata odjerna. Jghid illi hu ma dahalx fl-argument. Marru l-isptar ghax kienu b'karozza wahda u dahlu qabel Amanda u Kevin l-isptar. Jghid illi sakemm kienu qed jistennew fid-daqqa u l-hin dahlu Amanda u Kevin mill-kuridur ta' gewwa. U x'hin raw lil xulxin Amanda u Tony regghu qabdu jiggieldu. Jghid illi hu hawn ukoll ma dahalx fiha, qaghad bil-qeghda sakemm gew is-securities. Imbaghad erba t'ijiem wara baghtu ghalih il-pulizija.

Jghid illi meta sar jaf li hu akkuzat hadha bi kbira ghax hu ma kellux x'jaqsam xejn ma' li gara, la ferraq wisq anqas iggieled. Izda inserta kien mal-grupp ta' Tony dakinhar.

F'dan l-istadju l-Qorti tatu t-twissija li ghandu d-dritt li ma jwegibx , izda hu ghazel li jirrispondi.

In kontro Ezami jghid li hu ra lil Amanda titfa' t-tazza u laqtet lil Tony Curmi. Hemmhekk Kevin u Tony qabdu f'xulxin u ndahlu s-security biex iferrquhom. Jghid illi izda lil Kevin ma rahx mahsul bid-demm. Jghid illi x'hin rega' rahhom l-isptar lil Amanda ra diehla ghal Tony ra biss. Jghid illi mhux minnu dak li qalet Amanda illi hu hebb ghaliha l-isptar. Stqarr illi hu talab ghal cameras biex jaraw minn vera iggieled u jghid illi s-security ma semmiex lilu. Jghid illi x'hin dahlet Amanda ikonfrontat lil Tony u gew fl-idejn. Jghid illi Kevin dak il-hin kien ghadu lura. Jghid illi hu lil Kevin ma

tax kasu u ghalhekk ma jistax jghid kienx bid-demm jew le. Jikkonferma li lil Tony Curmi wasluh huma l-isptar.

**Louis Vassallo** xehed fl-20 ta' Marzu, 2014 u jghid illi dakinhar hu dahal Havana u kien ma Tony u Albert. Jghid illi kienu qeghdin jiehdu drink mal-bar u kull ma ra hu kien lil Amanda twaddab tazza. Qal li hu daqsekk biss ra ghax ma kienx involut fil-glieda. Jghid illi hu ra lil Amanda li qieghed jaghraf bhala l-imputata odjerna. Zied jghid illi t-tazza kienet tal-hgieg u twaddbet fid-direzzjoni ta' Tony Curmi. Jghid illi hu wara ra lil Tony Curmi bid-demm ma' wiccu. Jghid illi wara li wegga' Tony Curmi, gew il-bouncers u hargu lil Kevin u lil Amanda 'l barra. Jghid illi hu ma kienx involut fil-glieda allura la wegga' u lanqas tkecca 'l barra. Ikkonferma illi huma hadu lil Curmi l-isptar u kien saq Mark, li tela' jixhed imma mhux akkuzat. Qal illi l-argument rega' nqala' bejn Tony u Amanda u ma kienx hemm nies ohra involuti, mbaghad marru s-securities u l-Pulizija jifirquhom. Jghid illi wara haduhom go kamra ghalihom. Jghid illi fil-glieda f'Havana ra lil Tony u lil Kevin. Jghid illi min fejn kienu hu sa fejn kien hemm il-glieda kien hemm in-nies wara. Jghid illi ma jafx kif kien gie d-demm fuq wicc Kevin. Jghid u jikkonferma illi hu ra wicc Kevin bid-demm imma ma jafx min fejn gie dan id-demm, izda lil Amanda raha twaddab t-tazza. Jghid illi hu kellu demm mal-flok imma mhux hafna, kien hemm min kellu aktar. Jghid illi Kevin meta rah diehel l-Emergenza ra li kellu d-demm ma' wiccu. Jghid illi huma waslu l-ewwel l-isptar u hemm Tony u Amanda regghu iggieldu w hu mar ifferaqhom. Jghid illi l-ewwel zamm lil Kevin imbaghad zamm lil Tony. Jghid illi hu fil-glieda ma ppartecipax. Kevin kien qieghed jghajjat u zammu ghax rah diehel irrankat, izda sa dak il-hin Kevin kien ghadu m'ghamel xejn. Jghid illi hu wara mar iwaqqaf lil Tony milli jkompli jaghti lil Amanda. Jghid illi Tony dak il-hin kien qieghed jigbdilha xaghra izda ma rahx jilwilha idejha. Jghid illi proprjament il-habib tieghu huwa Albert Tabone. Jghid illi dakinhar hu kien miftiehem ma' Albert Tabone wara l-ikla tax-xoghol, u maghhom mar Tony Curmi.

**Tony Curmi** xehed fil-25 ta' Awwissu, 2014. Jghid illi fit-22 ta' Dicembru, 2012 hu kien riekeb f'karozza flimkien ma' zewgt ihbieb tieghu Albert u Louis u marru Paceville u marru Havana. Jghid illi huma qaghdu fil-parti maghrufa bhala Flash Back u wara xi nofs siegha li kienu waslu fuq il-post marret il-habiba tal-imputata odjerna u qaltlu "ma tantx jigi jghidli caw siehbek qabel tlaqna" u hu wegibha biex tghid lilu, u dan ghaliex il-gimgha ta' qabel kienu iltaqghu maghhom u kienu fil-kumpanija taghhom. Jghid illi jaf li din marret tkellem lil siehbu Louis u wara marret Amanda u haditha 'l

hemm. Jaf li l-habiba ta' Amanda kellha drink u jghid illi sa fejn jaf hu kienet ilha tixrob dakinhar. Jghid illi wara kien mar Kevin Bray bejnu u bejn Louis u qaleb il-mejda bid-drinks li kien hemm fuq il-bar u dar fuqu u beda jghajjat u jghidlu li haslu. Jghid illi inqala' argument dak il-hin, daret Amanda u garat tazza lejh u hu qabad tazza w xejjirha biex jiddefendi lilu nnifsu u laqat lil Kevin Bray.

Jghid illi Amanda Abela laqtitu bit-tazza fuq mohhu fuq in-naha tax-xellug. Wara l-bouncers keccew lil Kevin Bray u lil Amanda 'l barra waqt li huma baqghu gol-istabbiliment. Jghid illi jaf li minn wiccu beda niezel hafna demm u shabu qalulu biex jiehduh l-isptar. Wara xi kwart jew ghoxrin minuta li kienu qeghdin l-isptar jaf li dahlu Kevin, Amanda u l-habiba taghha u jghid illi kien hemm guvni iehor maghhom. Hekk kif dahlet Amanda qabdet tghajjat u dahlet ghalih, u kien hemm li hu qam u qabadha minn xagharha biex tiskot. Jghid illi lilu ghamlulu l-punti ghax kellu daqqa ta' tazza fuq mohhu. Jghid illi huma r-rappurtaw lil Pulizija x'kien sehh u mbaghad kienu ghaddew xi hmistax meta baghtu ghalihom il-Pulizija. Jghid illi qabel l-ewwel tas-sena kienet diga' bghatet ghalihom il-Pulizija.

Jghid illi huwa minnu li meta kienu Flash Back Amanda gibdet lil habibitha biex ma jinqalax inkwiet. Jghid illi hu l-ewwel kellu xi jghid ma' Kevin u mhux ma' Amanda u ghalhekk attakka lilu minkejja li t-tazza faqathielu f'wiccu Amanda. Jghid izda li mhux minnu li hu kien li tefa' t-tazza l-ewwel. Jghid illi Amanda tefghet it-tazza l-ewwel biex taqbez ghall-gharus taghha. Jghid illi dak il-hin il-kwistjoni kienet ghaddejja bejnu u bejn Kevin u kienet biss bil-kliem. Jghid illi dak il-hin hu ma qaghadx jaghti kaz jekk kienx hemm dmija fuq il-flokk ta' Kevin. Jghid illi meta kienu l-isptar hu kellu jaqbad lil Amanda minn xagharha ghax bdiet tghajjat u tidghi u hu dak il-hin kien bil-qieghda u kienet dahlet ghalih u qam biex isikkitha. Jghid illi ma jafx li Amanda kienet kisret idejha. Jghid li hadd min shabu ma mess jew ta bis-sieq lil Amanda fil-prezenza tieghu.

**Dr. Eileen Borg** xehdet fis-17 ta' April, 2015. Tghid illi hi kienet giet nominata min din il-Qorti kif preseduta b'digriet taghha tat-3 ta' Marzu 2015 u dana sabiex tezamina lil Anthony Curmi. Hija esebiet ir-rapport taghha li gi markat DOK EB. Hija ezaminat lil Anthony Curmi fl-1 ta' April 2015. Dan kien qalilha li fl-24 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija waqt li kien fil-Havana Bar f'Paceville, is-Sur Kevin Bray waqqa' xi 'drinks' fuq Anthony Curmi. Allegatament is-Sur Bray dar fuq Anthony Curmi u akkuzah li kien waqqghu fuqu apposta. Inqalghet glieda u l-partner

ta' Kevin Bray, Amanda Abela waddbet tazza minn wara Anthony Curmi u laqtet lill-istess Curmi fuq mohhu.Konsegwentement Anthony Curmi garrab ferita *lacero-contusa* fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu ezatt mal-*hair line*, tant li beda hiereg id-demm. Dan gie mehud fl-Emergenza tal-isptar Mater Dei fejn sarulu xi erba' jew hames punti fuq il-ferita. Skond Anthony Curmi kellu wkoll xi grif fuq idejh. Ikkonkludiet li dakinhar li ezaminatu, il-ferita fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, bilkemm kienet tidher ghax hija kulur normali tal-gilda. Hija f'forma ta' linja irqiqa u twila centimetru. Biex taraha trid tavvicina hafna lejha. Ghalhekk il-gerha li garrab Anthony Curmi hija ta' natura hafifa.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015 gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' April, 2015.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhex oggezzjoni li l-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta minkejja li ma kienitx din il-Qorti li semghet ix-xhieda kollha.

L-Imputata **Amanda Abela** rrilaxxjat stqarrija fid-29 ta' Dicembru, 2012. Tghid illi hi separata u li ghandha t-tfal. Tghid li tahdem Nectar Group bhala Sales Representative. Dakinhar tal-incident kienet telghet Paceville fil-11:15pm. U kienet xorbot drink wiehed u li l-hin kollu kienu Havana. Tghid illi hi u Kevin kienu qeghdin Havana, f'hin minnhom rat wiehed twil u beda jghajjat f'wicc il-habiba taghha Shirley Cassar u marret hdejha. Tghid illi lil dan ir-ragel hi qaltlu biex ma jkomplix jghajjat maghha u lilha kellmitha wkoll biex ma tkomplix tghajjat mieghu.

Tghid illi hi qabdet lil habibtha u marru t-toilet u waqfet hemm. Imbaghad hi marret hdejn Kevin hdejn il-bar u l-habiba marret tizfen ma' wiehed mill-hbieb ta' Tony u bdew idejquhom jolqtuhom lilha u lil partner. Tghid illi Tony Curmi dahal biex jixtri mill-bar u qaleb il-birra lil Kevin. Tghid illi hi u Kevin inhaslu bil-birra u Kevin dar lejh u qallu 'ara x'ghamiltilna'. Tghid illi qamet kommozzjoni kbira u zammewhom it-tnejn li huma. Tghid illi hi marret fuq Kevin u rat id-demm ma' wicc Kevin u dahlu l-bouncers. Tghid illi hi hadet lil Kevin l-isptar u x'hin waslu, hi, Kevin u l-habiba taghha, l-istess grupp ta' nies marru jigru lejhom. Tlieta qabdu lil Kevin u tefghuh go rokna u tnejn minnhom bdew isabbtuha ma' kolonna. Tghid illi dak il-hin dahlu l-Pulizija u kkwieta kollox.

Illi l-imputata **Amanda Abela** xehdet fl-10 ta' Dicembru 2015. Hija qalet li kienet gja tat ix-xhieda taghha fil-kawza dwar l-istess mertu li miexja ma' dik odjerna fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Tony Curmi et**". Qalet li l-incident beda mix-xejn u li lill-akkuzati fil-kawza l-ohra hija ma kinitx tafhom.

Irrakkontat li fit-22 ta' Dicembru 2012 kienet marret fl-istabiliment FlashBack ma' Kevin Bray u kienet miftehma ma' habiba taghha Shirley Cassar li xehdet precedentement. Din kellha tinzel maghhom ghax ma kinitx issuq. Wara xi kwarta nnutat li din kienet qed tikkustinja ma' Louis Vassallo, li saret tafu wara. Marret tara x'gara pero' Shirley ma kellmithiex ghaliex hi u Vassallo kienu qed jghajtu kontra xulxin. Lil Vassallo qaltlu biex ma jaghtix kaz ta' Shirley anke ghax kien zmien il-Milied, izda ma tax kaz lanqas. Qabdet lil Shirley u haditha t-toilet fejn xarrbitilha wiccha u pprovat tikkalmaha. Qaltilha li kienet sejra lura mal-bar u meta jsir il-hin jitilqu minn hemm. Kevin Bray kien baqa' mal-bar u hi regghet marret hdejh. Hemmhekk indunat li l-ohrajn kienu grupp ta' erbgha. Bdew ituha fastidju pero' m'ghamlet l-ebda reazzjoni biex Kevin ma jindunax. Baqghet taqla' daqqiet minn wara. F'dak il-hin mar Tony Curmi u qaleb il-birra fuqhom. Kevin dar fuq Curmi u qallu "*Ara x'ghamiltli*" u dak il-hin rat lil Tony Curmi jwaddab xi haga, dawwret wiccha u rat lil Kevin mimli demm. Inqala' genn kbir, in-nies resqu w dahlu l-bouncers u keccewhom 'il barra.

Cahdet li f'xi hin messet lil Tony Curmi u fl-ebda hin ma ratu ferut, lanqas meta kienu l-isptar. Qalet li waqt li kienu l-isptar hi qalghet diversi daqqiet. Meta l-*bouncers* bdew jghidulhom biex jigru wara li Kevin kien mimli demm, hi halliet il-kowt warajha, bdiet tghajjat lill-pulizija u griet lejn il-Burger King fejn kien hemm il-pulizija. Qalet li ndunaw li kellha bzonn ambulanza, pero' baqghu indifferenti. Imbaghad qalulha li setghu icemplu ghall-ambulanza. Hija qabdet lil Kevin u marret Capua ta' Paceville imbaghad marret l-isptar. Kif waslu l-isptar qabditu minn idu u qaltlu biex jghatti wiccu bil-flokk. Hekk kif kienu dehlin fil-waiting room rat tnejn min-nies dehlin jigru b'velocita' kbira ghal fuqha.

Qalet li Louis, li huwa t-twil, zamm lil Kevin go rokna u t-tnejn l-ohra li kienu gejjin jigru lejha bdew ituha bis-sieq bla hniena. Gibduha minn xaghrha, kisrulha jdejha u affarijiet ohra. Fil-fatt spiccat b'idha miksura u b'diversi tbengil fuq wara fejn tawha bis-sieq. Ziedet li dak il-hin is-Security hasbu li Kevin kien qed jiggieled ma' Louis u hadd ma nduna li kien hemm tnejn min-nies qed isawtuha. Imbaghad cemplet lil ohtha u qaltilha li qeghdin l-isptar. Marru wkoll il-pulizija u hadu lil Tony Curmi,

Louis Vassallo u Albert Tabone u zammewhom go kamra. Ghaddew xi jiem u baqghu ma semghu xejn. Hi marret l-ghassa ta' San Gwann fejn giet infurmata li kienu se jitressqu l-Qorti.

Sussegwentement marret ghand l-avukat Dr. Franco Debono u dan deher sorpriz li ma kinux baghtu ghaliha u ghal Kevin tant li dak il-hin stess cempel lill-Ex Kummissarju Joe Rizzo u minn hemm bdew mexjin l-affarijiet.

Kompliet tirrakkonta li fil-waiting room hi bilkemm kellha cans tiftah halqha, kull ma ghamlet kien li qalet lil Kevin jghatti wiccu bil-flokk. Filfatt kienet wieqfa ftit 'il boghod mill-waiting area. Ziedet tghid li ohtha tahdem mal-Group 4 bhala Security tal-isptar, izda dakinhar ma kinitx xoghol. Pero' meta tkellmet ma' shabha dwar l-incident, qalulhom li kien hemm filmat. Waqt li hi kienet l-ghassa ta' San Giljan, is-Supretendent kien mar jigbor dan il-filmat pero' wara kien qalilha li hi ma kinitx tidher titkaxkar minn xaghrha. Ziedet izda li waqt il-proceduri hareg li fil-filmat ma kien deher xejn.

Qalet li hu minnu li qabel marret Flashback kienet marret party tax-xoghol, ghalkemm ma kinitx damet iktar min-nofs siegha u ma xorbot xejn. Kienet marret hemm ghal xis-sitta ta' filghaxija u lil Shirley kienet wasslitha Paceville xi s-sebgha u nofs, qabel ma marret hi. Qalet li Shirley tahdem bhala cleaner fuq il-post tax-xoghol taghha u tahdem mit-tmienja ta' filghodu sal-erbgha ta' wara nofsinhar. L-imputata qalet li hi tahdem fuq barra bhala salesgirl. Cahdet dak allegat li hi kienet ilha fil-party mill-erbgha ta' wara nofsinhar. Imbaghad kienet regghet marret Paceville xi l-hdax ta' bil-lejl u l-incident sehh f'xi nofs il-lejl neqsin kwart. Qalet li qabel l-incident kienet hadet biss drink wiehed u meta sehh l-incident hi kienet wara Kevin u Kevin kien mal-bar, ghalhekk kienet qrib hafna tieghu. Ma ratx lil Tony Curmi jixtri xi drinks mal-bar, ratu biss meta qaleb id-drink, fejn taf li kien tela' fuq bicca konkos u kien gie quddiem Kevin. Ikkonfermat li Kevin kien urtat hafna meta xxarrab u dak il-hin hu u Louis bdew battibekk bejniethom. Ziedet pero' li kull ma taf li qal Kevin kien "Ara x'ghamiltli". Min-naha ta' Kevin il-kwistjoni kienet waqfet hemm.

L-imputata qalet li llum il-gurnata m'ghadx ghandha relazzjoni ma' Kevin. Regghet qalet li fl-ebda hin ma rat demm jew feriti fuq wicc Tony Curmi, ghalkemm stqarret li kien hemm panic kbir. Kien biss waqt il-proceduri li saret taf li Curmi kellu xi feriti, pero' qatt qabel ma kienet rathom, lanqas

meta kienu l-isptar. Ghalkemm ziedet tghid li kieku stess kellu hi ma setghetx tarahom ghaliex gie imsawta b'mod feroci.

Mistoqsija tispjega kif Tony Curmi spicca b'feriti fuq wiccu, qalet li ma tafx taghti spjegazzjoni. Il-bouncers fl-ebda hin ma keccewhom, anzi marru fuqhom u peress li Kevin kien qed jitlef hafna demm u fil- fatt kellu diversi punti f'wiccu, il-bouncer deher jigri l'barra bih. Cahdet dak li qal Tony Curmi li hi waddbet xi tazza. Waslet Mater Dei ghal xis-siegha neqsin kwart ta' filghodu.

Mistoqsija jekk Tony Curmi kienx wahdu fil-waiting area tal-isptar qalet li ma tafx ghax ma tawhiex cans tara. Fl-isptar Tony Curmi u Albert Tabone marru fuqha u bdew ituha bis-sieq, gibduha minn xagharha u filfatt kienu qalghulha ammont kbir ta' xaghar. Dak il-hin ma hasset xejn ghax intefghet kobba mal-art biex tipprotegi wiccha. Meta dahhluha gewwa nstab li kienu kisrulha idha.

Ikkonfermat li l-istqarrija kienet inqratilha u kkonfermat il-kontenut taghha. Cahdet li l-incident sehh f'minuta biss. Sostniet li qabel sehh l-incident hi ma kinitx ratu lil Tony Curmi, kienet innutat biss lil Louis u rreferiet ghalih bhala 'it-twil'. Lil Tony ratu l-ewwel darba meta qaleb il-birra fuqhom u fl-ebda hin ma ratlu dmija.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-incident kienu s-segwenti:-

1.Illi nhar it-22 ta Dicembru 2012 hija kient marret gewwa il-bar maghruf bhala Flashback flimkien mal-gharus taghha Kevin Bray ftit wara li kienet wasslet lil habiba taghha Shirley hemm ukoll.

2.Jirrizulta li huma marru hemm wara li kienu qedin fi festin iehor stante li kien zmien il-Milied u hemmhekk l-imputata tghid li kienet hadet biss drink wiehed.

3.Ghall-habta ta' nofs il-lejl (12.00a.m.) inqala' incident gewwa l-istabiliment Flashback fejn spicca ferut Tony Curmi. Hemm zewg versjonijiet ta' kif sehh dan u dan ser jigi analizat wara li l-Qorti taghmel

apprezzament tax-xhieda migbura, pero' zgur li jirrizulta li Kevin Bray spicca mahsul b'xi birra u sahansitra spicca ferut u li anke Tony Curmi spicca ferut.

4. Jirrizulta bhala fatt li Curmi spicca ferut minhabaa li Amanda Abela waddbet tazza fid-direzzjoni tieghu u laqtitu. Skond Dr. Eileen Borg din il-ferita keinet ta' natura hafifa.

5. Illi fil-lokal kien hemm ukoll hbieb tal-imputata li ma xehdux apparti Shirley li xehdet u qalet li ma ratx l-incident ta' gewwa Flashback isehh, u Tony Curmi kien ma' shabu li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri.

6. Illi in segwitu' jirrizulta li l-partijiet marru l-Isptar Mater Dei u rega' nqala' incident iehor fejn din id-darba l-imputata spiccat feruta b'xi ksur kif spjegat minn Dr Cherubino.

**Ikkunsdirat ulterjorment.**

Illi fir-rigward ta' l-ewwel akkuza l-imputata hija akkuzata talli ttentat li tikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tony Curmi. Id-difiza fin-nota taghha sostniet li l-imputata giet akkuzata talli kkagunat ferita ta' natura gravi skond l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad bla tlaqliq li dan mhux minnu u tistieden lill-istess difiza tara l-Artikoli kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-30 ta' April 2015 fejn l-imputata giet akkuzata ta' tentattiv ta' ferita gravi ai termini tal-Artikolu 214 u 216, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà taghha.

Minn ezami ta' dawn l-artikoli u cioe' l-Artikoli 41(1) (a), 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li offiza tissejjah gravi jekk:

*a) 1) iggib periklu tal-hajja,*
*2) periklu tad-debbolezza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew,*
*3) ta' difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem inkella,*
*4) marda permanenti tal-mohh.*

*b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.*

*c) jekk tkun maghmula b'ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem minghajr ma ggib l-ebda wahda mill-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9.*

*d) jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed jew inkella ghaldaqshekk zmien izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu*

*e) jekk meta ssir fuq mara tqila iggielha tehles qabel iz-zmien.*

Illi ghalhekk huwa necessarju li din il-Qorti tezamina ukoll in-natura tal-ferita li giet kagunata u jekk l-istess imputata kellhiex l-intenzjoni specifika li tikkawza tali hsara.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputata giet akkuzata b'attentat ta' ferita gravi u hawnhekk il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[1] fejn inghad:

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza* diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara ukoll sentenza Il-**Pulizija vs Emanuel Zammit**2).

Il-Qorti tosserva illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, ghalkemm fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi.

Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."* (**Notes on Criminal Law**), izda imbaghad izid *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain*

---

[1] *Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza nhar it-18 ta'*
[2] *Qorti tal Appelli Kriminali dciza nhar it-23 ta' Marzu 1998.*

*circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*."

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet I**r-Repubblika vs Domenic Briffa**[3], il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu[4] ighid:- "Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo*

[3] *Qorti tal Appelli Kriminali deciza nhar is-16 ta' Ottubru 2003.*
[4] *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986 Pagna 79.*

*compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"

U ikkonkludiet:

"*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok.*

*Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jehtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."*

Illi qabel xejn il-Qorti thoss li huwa opportun li tiddeskrivi l-ferita li sofra Tony Curmi. Jinghad, skond ix-xhieda moghtija minn Dr. Edward Cherubino li ezamina lil dan Curmi ftit wara li sehh l-incident gewwa l-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, li Curmi kien qed isofri minn qasma '*on the left side'* fuq il-*forehead* u kellu bzonn tlett punti, kellu wkoll girfa fuq in-naha leminija ta' ghajnejh u kellu girfa fuq imniehru. Ikkonferma illi c-certifikat a fol. 6 huwa mahrug minnu fejn ikklasifika il-ferita bhala wahda ta' natura gravi. Illi pero' din il-Qorti marret pass oltre u nnominat eseprt fid-dermatologija u cioe' lil Dr. Eileen Borg fit-3 ta' Marzu 2015 u dana sabiex tezamina lil Anthony Curmi. Ikkonfermat li Anthony Curmi garrab ferita *lacero-contusa* fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu ezatt mal-*hair line*. Spjegat "*illi l-ferita li kellu Curmi fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, bilkemm kienet tidher ghax hija kulur normali tal-gilda. Hija f'forma ta' linja irqiqa u twila centimetru. Biex taraha trid tavvicina hafna lejha*". Ghalhekk hija kklasifikat il-gerha li garrab Anthony Curmi bhala wahda ta' natura hafifa.

Illi ghalhekk bhala natura tal-ferita ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni u dan ghaliex skond l-espert tal-Qorti iddeskrievietha bhala wahda ta' natura hafifa. Issa jekk l-imputata kellhiex intenzjoni specifika sabiex tikkaguna ferita gravi u irrizultat f'ferita ta' natura hafifa l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li giet prodotta. Jirrizulta bla dubbju li kienet l-imputata li waddbet it-tazza fid-direzzjoni ta' Tony Curmi u li in effetti gie milqut biha. Dan l-avveniment gie pprovat bla ebda ombra ta' dubbju tant li ix-xhieda kollha jghidu li raw lill-imputata twaddab it-tazza. Anke il-vittma stess jghid li ra lil-imputata twaddab it-tazza. Meta l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija taghha, dan ma cahditux u lanqas meta xehdet *viva voce* fil-Qorti, qalet biss li ma ratx li Curmi kellu xi feriti.

Il-Qorti ma hix tal-fehma li l-imputata agixxiet sabiex tiddefendi lill-gharus taghha mill-aggressjoni ta' terzi u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament dak li gara vicin il-bar u cioe' li Kevin Bray inhasel b'xi birra kien xi att volut u intenzjonat u ghalhekk zgur li l-imputata agixxiet *a sua sponte* b'aggressjoni.

Illi din l-ewwel akkuza tirrizulta pprovata b'mod sodisfacenti.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' li l-imputata waddbet armi, strumenti jew arma klassifikata bhala arma irregolari, jinghad li f'idejn l-imputata kien hemm tazza u li kienet din it-tazza li hija waddbet fid-direzzjoni ta' Curmi u ghalhekk din l-akkuza ghandha tirrizulta wkoll.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik ta' natura kontravenzjonali naxxenti mill-Artikolu 338(bb), din ma tirrizultax provata u dan ghaliex hadd mix-xhieda ma stqarr li l-imputata f'xi hin qalet xi kliem indicenti jew oxxeni u ghalhekk tali akkuza mhux provata.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe' dik ta' natura kontravenzjonali naxxenti mill-Artikolu 338(dd) u cioe' li volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Proceedings**[5] meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz **<u>AG v PYA Quarters:</u>**

---

[5] *pagna 2549.*

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb **The Criminal Law of Scotland**[6] fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

*"whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance*."

Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**[7], fejn inghad li bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Illi m'hemmx dubbju li l-fatt li l-imputata tefghet tazza lejn persuna ohra u kkagunatilha ferita ta' natura hafifa huwa bizzejjed sabiex jinghad li ikkrejat inkolumita' lejn il-pubbliku u ghalhekk din il-kontavenzjoni tirrizulta provata b'mod sodisfacenti ghalhekk din ir-raba' akkzua tirrizulta pprovata b'mod sodisfacenti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 41 ( 1) (a), 64(2), 214, 215, 216, 221, 338(bb), 338 (dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li issib lill-imputata AMANDA ABELA hatja talli ikkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Tony Curmi,u talli uzat arma irregolari fil-kommissjoni ta' dan ir-reat u talli kkagunat ksur tal-paci pubblika, filwaqt li ma ssibhiex hatja tal-akkuzi l-ohra u tilliberaha minnhom.**

**Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u**

[6] *pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon*.
[7] *Deiciz mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar l-24 ta Mejju 1996.*

**ghalhekk qed tikkundannaha thallas multa komplessiva ta' mitejn u hamsin Ewro (€250).**

**Oltre dan tordna li ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Tony Curmi ghal perijodu ta' tliet (3) snin millum skond id-digriet hawn anness li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.
Magistrat

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT DR CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D.**

**ILLUM 27 TA' GUNJU 2017**

**PULIZIJA**
**(Spettur Roseanne Debattista u Trevor Micallef)**

**vs**

**AMANDA ABELA (I.D. 504877M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors/ Semgħet il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużata **AMANDA ABELA** detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 504877M taħt il-kundizzjonijiet is-segwenti:

**a)** Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużata milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Tony Curmi.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużata, għal perjodu ta' tliet (3) snin, ġewwa l-fond fejn jiffrekwenta Tony Curmi kif ukoll jekk l-akkużat ikollha xi interess legali f'dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-akkużata milli tikkuntattja jew timmolesta lil Tony Curmi.

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal tliet (3) snin millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużata tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha tista' jekk tinstab hatja teħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.

____________________
Maġistrat

____________________
Akkużat

KRIM 30.2011